Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili Nru. 1/2015

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol (kaz numru 3277):**

**Tanya Grigorova Delcheva (appellanti)**

**vs**

**Dragonara Beauty Clinics Limited [C 8589] (appellata)**

17 ta' Novembru, 2017.

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Tanya Grigorova Delcheva tal-25 ta' Lulju 2014** quddiem it-Tribunal Industrijali permezz ta' liema hija ppremettiet li: (i) kienet impjegata bhala *Beauty Therapist u Masseuse* mas-socjeta' ntimata fuq bazi *full-time* u b'kuntratt ta' xoghol ghal zmien indefinit; (ii) is-socjeta' ntimata tterminat l-impjieg taghha minghajr raguni tajba bi ksur tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u minghajr ma nghatat ittra ta' terminazzjoni; (iii) is-socjeta' ntimata ma hallsithiex tal-perjodu tan-*notice*; (iv) is-socjeta' ntimata nfurmat lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li r-rikorrenti giet *"dismissed on disciplinary grounds"* meta effettivament hija ma kienet ghamlet xejn li kellu jaghti lok ghal tkeccija minhabba raguni dixxiplinarja. Id-data tat-tkeccija hija t-30 ta' Mejju 2014. Ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal sabiex jiddikjara li s-socjeta' ntimata kecciettha sommarjament minghajr ebda raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi kif ukoll sabiex (a) tillikwida dik is-somma ekwivalenti ghal erba' gimghat zmien ta' avviz tat-temm ta' mpjieg kif jiddisponi l-art.36 (5) (c) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) tordna lis-socjeta' ntimata thallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata; (c) jordna lis-socjeta' ntimata thallas lir-rikorrenti s-salarju taghha dovut sad-data tat-terminazzjoni ingusta mill-impjieg; (d) jiffissa kumpens xieraq u jikkundanna lill-intimata ghall-hlas lilha tal-istess; u (e) jordna lill-istess intimata temenda d-dokumenti illi pprezentat mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig.

Rat **it-twegiba tas-socjeta' Dragonara Beauty Clinics Limited tal-1 ta' Ottubru 2014**[1] permezz ta' liema hija eccepiet fost ohrajn illi (i) ftit wara l-impjieg tar-rikorrenti maghha bdew iqumu diversi problemi fosthom li xi klijenti gieli kienu jgergru fuq is-servizz li kienu qed jircievu minghand l-istess rikorrenti, kif ukoll li r-rikorrenti bdiet taqla' l-inkwiet fost il-kollegi taghha u ggielhom jisthu quddiem il-klijenti; (ii) is-socjeta' ntimata kienet gibditilha l-

[1] Fol 16 et seq.

attenzjoni ghal dan izda hija m'ghamlet ebda sforz biex tindirizza dawn in-nuqqasijiet u sahansitra kienet kostretta ttiha zewg twissijiet bil-miktub; (iii) fl-ahhar t'April 2014 meta s-socjeta' ntimata rat li anke t-twissijiet ma hadmux mar-rikorrenti, tnaqqsulha s-sieghat tax-xoghol; (iv) izda peress li r-rikorrenti qabghet tippersisti fl-imgieba hazina taghha hija tkecciet mix-xoghol wara l-laqgha tat-30 ta' Mejju 2014; (v) fit-2 ta' Gunju 2014 ir-rikorrenti thallset il-paga taghha ghax-xahar ta' qabel kif ukoll ghall-erba' gimghat *Notice Period*.

Rat **id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-21 ta' Jannar 2015**[2] li ddecidiet li r-rikorrenti giet imkeccija mis-socjeta' ntimata ghal raguni gusta u sufficjenti.

Ir-rikorrenti appellat u s-socjeta' appellata wiegbet[3]. Waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru 2016[4] dehru d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti li minnhom jirrizulta li:

i. L-appellanti giet ingaggata bhala *beauty therapist* mas-socjeta' appellata b'effett mis- 7 ta' Mejju 2012 ghal zmien indefinit[5];

ii. Qabel dik id-data l-appellanti kienet tahdem bhala *freelance masseuse* u kienet tintalab tipprovdi s-servizzi taghha lis-socjeta' appellata meta kienet tinqala l-htiega[6];

iii. Skont is-socjeta' appellata l-problemi mal-appellanti bdew meta bdiet tasal tard ghax-xoghol[7], titkellem hafna u tghajjat waqt li taghti l-massaggi, taghti parir mediku lill-klijenti, twiegeb lura lis-superjuri taghha meta jigbdulha l-attenzjoni dwar xi nuqqas, ma timxix mar-regolamenti tal-klinika ta' sbuhija u tiggieled mal-kollegi u s-superjuri taghha[8];

iv. Fl-1 t'Ottubru 2013 l-appellanti nghatat twissija bil-miktub ghal dak li s-seocjeta' appellata qieset bhala agir mhux professjonali lejn xi klijenti u kollegi taghha[9];

v. L-appellanti nghatat ittra mis-socjeta' appellata fit-3 ta' Frar 2014[10] fejn ingibditilha l-attenzjoni li hi kienet ghadha taghmel l-izbalji u giet imfakkra dwar numru ta' regoli applikabbli ghall-mestier;
vi. L-appellanti tkecciet mix-xoghol fit-30 ta' Mejju 2014. Minkejja li s-socjeta' appellata argumentat li t-tkeccija kienet gusta, hija mhux biss hallsitha l-paga

[2] Fol 133 et seq.
[3] Fol 12 et seq.
[4] Fol 26.
[5] Fol 6 et seq.
[6] Affidavit Sheila Kotis, para 2 fol 24.
[7] Ibid. para 3 fol 24.
[8] Affidavit Angele Tabone, para 5 fol 29 et seq.
[9] Fol 27.
[10] Fol 22.

kollha dovuta lilha ghal Mejju 2014 izda wkoll hlas li jkopri erba' gimghat *notice* (*pro rata*)[11];

vii. Fil-proceduri quddiem it-Tribunal r-rikorrenti argumentat li r-ragunijiet moghtija lilha mis-socjeta' appellata ma kinux jammontaw ghal raguni tajba u sufficjenti ghat-tkeccija taghha mill-impjieg u li l-vera raguni ghat-tkeccija taghha kienet bazata fuq zewg fatturi: l-eta' u l-fatt li hi kellha problem ta' sahha temporanji[12].

Is-socjeta' appellata targumenta li l-aggravji mressqa fl-appell ma jqajmu ebda punt ta' dritt izda biss apprezzament tal-fatti migjuba quddiem it-Tribunal.

L-artikolu 82 (3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk -

*(3) Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell **fuq punt ta' liġi**. Dan l-appell għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell kkostitwita skont l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal:*

*Iżda meta jsir appell lill-Qorti tal-Appell, u waħda mill-partijiet titlob li l-appell jiġi dikjarat null u bla effett minħabba f'li ma kienx bbażat fuq punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal jew li l-appell huwa null u bla effett fil-liġi għal kull raġuni oħra tkun li tkun, dak l-appell għandu jintbagħat mir-Reġistratur lill-Qorti tal-Appell biex jingħata digriet in camera dwar l-ammissibilità jew xort'oħra tal-appell."*

Fil-kaz **Kenneth Vella vs Seabank Catering Co. Ltd deciza fit-23 ta' Mejju 2008**[13] gie ritenut hekk:

*"Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati,…..".*

Il-Qorti kompliet hekk fil-kaz **Kevin Mark Abela vs S & A Quality Assurance Surveyors Ltd deciz fil-11 ta' Jannar 2006** -

*"Hu x'inhu, **id-decizjoni tat-Tribunal (Industrijali) ghal dawk li huma***

[11] Affidavit Damien Schembri, para 4 a fol 35 et seq.
[12] Rikors promotur, para 11 a fol 4.
[13] Appell Inferjuri Nru 38/2007.

***kwistjonijiet u konkluzjoni ta' fatt hi finali u ghalhekk taht dan l-aspett dik id-decizjoni mhix censurabbli minn din il-Qorti***[14]*. Hu fil-fatt kriterju direttiv illi jekk il-punt ta' ligi li fuqu sar l-appell jinsab li hu nfondat allura din il-Qorti ta' revizjoni, skont gurisprudenza kostanti fuq ligijiet ohra li similment jaghtu dritt t'appell lilha fuq punt ta' ligi biss, ma tidholx biex tezamina l-fatti. Ara f'dan is-sens* ***Emmanuele Barbara vs Wilfred Podesta noe****, Appell Civili, 28 ta' Gunju 1957 u* ***Vincenzo Vella vs Paolo Grech****, Appell Civili, 24 ta' Marzu 1958."*

L-appellanti tressaq zewg aggravji:

1. It-tribunal ma pprestax attenzjoni adegwata lill-meriti tal-kaz; u

2. L-ezercizzju tal-poter diskrezzjonali kien ghal kollox nieqes minn raguni bil-konsegwenza li l-konkluzjoni tat-tribunal hija wahda llogika.

Dawn l-ilmenti tallacjahom man-nuqqas t'osservanza tal-principji ta' gustizzja naturali da parti tat-Tribunal, senjatament il-principju ta' smiegh xieraq.

Kif inhuwa maghruf -

*"Koncettwalment, gustizzja naturali tfisser l-applikazzjoni u l-harsien tal-principju baziku essenzjali tas-smiegh xieraq"*[15].

Dan il-principju jinkorpora *"kif saput, iz-zewg regoli tradizzjonali 'nemo judex causa propria' u 'audi alteram partem'. Mal-ewwel regola hu allacjat il-principju notorju tal-imparzjalita' u allura tan-necessita' li mhux biss issir gustizzja imma anke li jkun jidher manifest li l-gustizzja qeghda ssir. Fil-kaz tat-tieni regola, din solitament tabbraccja kwalsiasi materja ta' 'fair hearing' u tal-principju tal-'equality of arms'. Dan mhux biss pero'. Fi zminijiet pjuttost ricenti gie ulterjorment zviluppat il-principju ta' l-ghoti tar-ragunijiet ossija tal-motivazzjoni adegwata fid-decizjoni.*[16]

Mill-process jirrizulta li l-appellanti ma sofriet l-ebda pregudizzju bil-mod kif tmexxa l-kaz:

i. Mhemmx hjiel li c-Chairman kellu xi pregudizzju jew *bias* kontra l-appellanti, kemm oggettivament – ghax ma ntweriex li huwa ma offriex garanziji sufficjenti sabiex jeskludi kull dubju legittimu ta' parzjalita' - u lanqas soggettivament fuq xi konvinzjoni personali tieghu. Li, fil-fehma tal-appellanti,

---

[14] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti.
[15] **Jean Schembri u Mary Borg vs Queens Dry Cleaners** deciza fl-10 ta' Jannar 2003 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).
[16] **Joseph Debono vs Phonica Systems Limited** deciza 19 ta' Mejju 2004 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

t-tribunal *"ma pprestax attenzjoni adegwata lill-meriti tal-kaz"* ma jittraducix ruhu fi pregudizzju jew *bias* tal-gudikant fil-konfront taghha;

ii. Dwar il-principju tal-*audi alteram partem* jinghad fl-ewwel lok li saru hames seduti li fihom tressqu provi estensivi mill-partijiet. Kull parti ressqet il-provi li deherilha li kien floku tressaq biex issostni l-verzjoni taghha;

ii. L-appellanti ma ndikat ebda prova li xtaqet tressaq u ma thallitx, anzi, hija mhux biss ressqet provi izda kellha wkoll l-opportunita li taghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda tas-socjeta appellata;

iii. Tenut kont ukoll li l-kaz quddiem it-Tribunal kien wiehed ta' allegata tkeccija ngusta, kien il-principal li beda biex ressaq il-provi tieghu. Ghalhekk meta beda l-istadju tal-provi tal-appellanti, il-provi kollha tal-principal kienu inghalqu. Ghalhekk kienet tinsab fl-ahjar posizzjoni sabiex tirribatti l-provi tal-princpal;

iv. Jigi nnutat ukoll li meta nghalaq l-istadju tal-provi l-partijiet inghataw zmien biex iressqu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub[17]. Madankollu l-appellanti ma pprezentatx nota ta' sottomissjonjiet;

v. Fit-tieni lok it-Tribunal ta ragunijiet li wassluh biex jichad it-talba tal-appellanti:-

a. Ir-rikorrenti kienet abbli hafna f'xogħolha, kif xehdu kollegi u superjuri taghha, u ghalhekk il-problema ma kinitx dik professjonali;

b. L-attitudini u l-komportament tar-rikorrenti kienu l-kawza tal-liċenzjament tagħha;

c. L-attitudini tar-rikorrenti ma' shabha u anke darba minnhom ma' superjura taghha kienet wahda negattiva. Dan gie ampjament pruvat;

d. Gie sodisfacentement pruvat li mhuwiex minnu li l-età taghha ta' 56 sena kienet raguni għall-licenzjament taghha ghax hija kienet fil-fatt giet impjegata mas-socjeta' ntimata sentejn biss qabel;

e. Fost in-nuqqasijiet li ssemmew kien hemm wieħed iktar serju fejn ir-rikorrenti, waqt il-qadi tad-doveri tagħha bhala *masseuse,* kellha drawwa li titkellem mal-klijenti b'mod li tindikalhom xi sintomi medici jew fizici li seta' kellhom. Dan kien imur kontra l-*policy* tal-klinika li kienet tenfasizza li l-iskop tal-massaggi ma kienx ieħor hlief li tirrilassa lill-klijenti u certament ma kienx hemm lok għal diskussjoni ta' xi materji medici maghhom;

---

[17] Fol 111.

f. Minkejja li r-rikorrenti kienet kemm il-darba imwissija biex tbiddel l-attitudini tagħha hija ma tatx kaz, u dan anke meta certi klijenti bdew jitolbu li ma jigux massagjati minnha;

g. In-nuqqas tar-rikorrenti li tkun konformi mal-*policy* tal-klinika u tippersisti minkejja twissijiet fl-opinjoni tat-Tribunal hija materja serja ħafna;

h. Il-kumulu ta' nuqqasijiet u l-persistenza tar-rikorrenti li ma tbiddilx l-attitudini taghha specjalment wara twissijiet jirrizultaw f'raguni gusta u sufficjenti għal-licenzjament taghha.

Isegwi ghalhekk li l-ilment tal-appellanti li, fil-fehma taghha, d-decizjoni tat-Tribunal hija *"nieqsa minn kull logika u ma tirriflettix il-mertu"* huwa rizultat biss ta' nuqqas ta' qbil da parti tal-appellanti mal-konkluzjonijiet tat-Tribunal fil-mertu, liema ezitu evidentement kien ta' dizappunt ghaliha fin-nuqqas ta' success ghat-talbiet imressqa minnha. Dan id-dizappunt pero' ma jissarrafx f'punt ta' ligi li minnu huwa koncess appell skont il-Kap 452.

Zgur ghalhekk li l-ilment ta' nuqqas ta' smiegh xieraq fil-konfront tal-appellanti huwa wiehed infondat u strettament ma hemm ebda lok li din il-Qorti tindaga ulterjorment dwar l-ilmenti l-ohra tal-appellanti in kwantu dawn huma biss aggravji marbuta mal-mertu tal-kaz.

F'kull kaz il-Qorti tosserva li:

A. **<u>Dwar l-ewwel aggravju</u>**

Ghall-appellanti, kull ma ghamlet is-socjeta' appellata kien li *"rreciklat l-istess zewg ilmenti insinifikanti ghall-performance taghha fuq xoghlha".* L-appellanti ssostni li dan kollu huwa "gideb" li gie konfermat bl-aktar mod car waqt il-provi. Huwa ghalhekk li fil-fehma taghha d-decizjoni appellata hija frott ta' nuqqas t'attenzjoni ghall-merti tal-kaz. Il-qorti terga ttenni li l-apprezzament tal-provi hu mholli f'idejn it-Tribunal, u mhemm jedd ta' appell fuq punti ta' fatt.

Mill-atti rrizulta li:

i. Ghalkemm il-kuntratt tal-appellanti jistipula li tibda xoghol fid-9am[18], il-*policies* tal-*Beauty Salon* in kwistjoni jipprovdu fost ohrajn li l-impjegati jridu jkunu hemm ghaxar minuti qabel[19]. Is-socjeta' appellata lmentat li "*Problems with Ms Grigorova Delcheva began when she used to come in late to work, generally at 9.00, when the session starts….it occasionally happened that Tanya would come to work and find her client waiting for he which was unacceptable*[20]. L-appellanti, minkejja li tammetti li ma kinitx izzomm arlogg

[18] Fol 6.
[19] Fol 26A.
[20] Affidavit ta' Sheila Kotis, recepitionist/administrator fis-salon Fol 24.

fuqha[21], tichad li kienet tasal tard anke jekk irrikonoxxiet li s-superjuri taghha bdew jigbdulha l-attenzjoni dwar il-hin mix-xhur qabel it-terminazzjoni taghha mill-impjieg[22];

ii. Kienu saru lmenti minn klijenti fuq l-appellanti u hi kienet giet infurmata b'dan[23]. Lanqas cahdet li hi kienet tidhol f'aspetti ta' natura medika mal-klijienti. Issemma' l-kaz tal-klijent li spicca kiteb review fuq *trip advisor*[24] u iehor li mar ghall-massaggi u qaltlu li ghandu sieq wahda iqsar mill-ohra[25]. Ammettiet ukoll li s-superjuri taghha kienu qalulha biex ma toqghodx tispjega l-kondizzjonijiet medici lill-klijenti ghax huma ma humiex tobba[26];

iii. Waqt is-sessjonijiet hi kienet regolarment titkellem mal-klijenti b'vuci gholja b'mod li anke ttellef lill-kollegi taghha u l-klijenti taghhom fil-kmamar li kienu vicin[27];

iv. Il-kollegi taghha lmentaw mill-komportament taghha maghhom partikolarment li kienet timbarazzahom quddiem il-klijenti taghhom[28];

v. L-appellanti nghatat twissijiet dwar dawn in-nuqqasijiet, fosthom dik tat-3 ta' Frar 2014, li hi stess iffirmat[29];

vi. Ghalkemm temporanjament gieli kienet turi titjieb, is-sitwazzjoni kienet terga' tiddeterjora, bl-appellanti tinjora t-twissijiet tas-superjuri taghha[30].

It-Tribunal sab li l-attitudni u l-komportament tal-appellanti fir-rigward ta' dawn l-ilmenti kienet il-kawza tal-licenzjament taghha, u li n-nuqqas taghha li tikkonforma ruhha mal-*policies* tal-klinika kienet materja serja hafna. Konkluzjoni bazata fuq apprezzament ta' fatti li jispetta unikament lit-Tribunal.

Jinghad ukoll li:

i. kuntrarjament ghal dak insinwat mill-appellanti fir-rikors tal-appell, fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha quddiem it-Tribunal hija kienet allegat proprju li wahda miz-zewg ragunijiet li wasslu ghat-terminazzjoni taghha mill-impjieg kienet l-eta' taghha[31];

ii. M'hemmx kontestazzjoni li l-appellanti kienet kompetenti f'xoghlha. Fatt rikonoxxut mill-principal stess;

---

[21] Fol 73.
[22] Fol 95
[23] Fol 100-101.
[24] Fol 21.
[25] Affidavit Angele Tabone a fol 29.
[26] Fol 102.
[27] Affidavit Sheila Kotis, para 5 a fol 24.
[28] Xhieda ta' Petra Farrugia, Julia Cassar u Roberta Camilleri a fol 45 et seq.
[29] Fol 22.
[30] Affidavit Sheila Kotis, para 13 a fol 26.
[31] Fol 4 para 11.

iii. Fir-rigward tax-xhud Angele Tabone, il-kuntest tad-diskors ma jirrizultax li hu kif allegat mill-appellanti[32];

Huwa car ghall-Qorti li dan l-aggravju ma jitratta xejn hlief punti ta' fatt li jissarfu fi stedina biex jerga' jsir apprezzament tal-provi mill-gdid. Dan mhuwhiex possibbli ghar-ragunjiiet inndikati mil-ligi.

**B. Dwar it-tieni aggravju**

Dan l-aggravju hu bażat fuq kongetturi u censura tal-apprezzament tal-provi mwettaq mit-Tribunal. In-nuqqasijiet riskontrati mit-Tribunal diga' gew trattati fl-aggravju precedenti u li kif ikkonstata t-Tribunal, li wassluh biex jikkonkludi li jiggustifikaw it-tkeccija tal-appellanti. Decizjoni ta' fatt li kif inghad mhijiex miftuha ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti.

**Għal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.

[32] Seduta tat-3 ta' Dicembru 2014 a fol 124.